# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt    Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 2/2025

19 ta' Frar, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

## 2.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 2.4 Rapporti
**Approvazzjoni Estimi Finananzjarji 2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji tas-sena 2024 lis-Sindku u l-Kunsillieri. Hawn l-accountant tal-Kunsill spjegat il-Financial Statements lill-Kunsill.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2024. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 1.1.4 (zebra crossing Triq il-Karwija) ix-xogħol kien beda u diġa' kienet lesta il-parti tax-xogħol tal-bankini. Is-Sindku spjega li issa x-xogħolijiet tat-trenching kienu ser isiru l-ġimgħa ta' wara l-laqgħa għaliex il-Kunsill kellu japplika għal wardens sabiex tingħalaq it-triq.

2.1.2 Is-Sindku qal ref 1.1.5 (għassa tal-Pulizija) il-Kunsill kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija kif kien miftiehem. Huwa spjega li fl-ittra l-Kunsill kien ċar li l-ftehim kien li l-*Community Police* jużaw l-*IT Room* sakemm isir ir-refurbishment tal-Għassa.

2.1.3 Is-Sindku qal ref punt 1.2.2 (*Garden of Future Generation*) il-laqgħa kienet tħassret u l-Kunsill kien qed jistenna data oħra.

2.1.4 Is-Sindku qal ref punt 1.3.2 (spejjeż tal-pulizija mill-Każin) il-Kunsill kien għadda l-ħlas għaliex irriżulta li kien fadal biżżejjed flus fil-fond tal-LESA. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa tar-Reġjun tal-ġurnata ta' qabel, il-President kien avża li dawk il-Kunsill li ma kinux għamel użu mill-fond tal-LESA sa Mejju li ġej, il-fond tagħhom kellu jgħaddi għand il-Kunsill l-oħra.

2.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 1.3.3 (użu taċ-Ċentru Parrokkjali) l-ideal li jitkellmu mal-Kappillan minħabba l-użu taċ-Ċentru Parrokkjali.

2.1.6 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Claire Zammit ref punt 1.5 (Kalendarju Attivitajiet Kulturali 2025) jekk l-attivitajiet kulturali kinux inklużi kollha. Il-Kunsilliera kkonfermat l-lista kienet kompluta.

2.1.5 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li d-data tal-play fis-sala tal-Iskola kienet konfermata mal-Kap tal-Iskola.

2.1.6 Is-Sindku qal ref punt 1.6 (Skema tal-Karnival) ta d-dettalji tal-attivitajiet għal din l-inizjattiva. Huwa spjega li wara l-party għat-tfal jiġifieri fis-7:00pm *Tikka Banda* kienu ser jitilgħu s-sala tal-Kunsill u flimkien man-nies preżenti ninżlu lejn il-pjazza sat-8:30pm.

Is-Sindku qal li wara li saru l-kalkoli kien fadal biżżejjed flus biex nżidu banda oħra ta' siegħa għall-ammont ta' €1,000. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi Sindku qal li xtaq jissuġġerixxi li waqt din l-attivita' l-Kunsill jistieden lil xi ħadd jarma fil-pjazza bħal van tal-ħelu. Il-Kunsill qabel.

2.1.7 Is-Sindku qal ref punt 1.7 (ittra mis-Sur Joe Demanuele) l-ittra bl-Avukat kienet intbagħtet.

**2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

2.2.1 Is-Sindku qal li dakinhar tal-laqgħa, filgħodu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-ERA rigward l-*underground parking* fi Ġnien Dun Karm Vella. Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li l-ERA kienu talbu l-Kunsill iġib *Tree Expert* biex jagħmel rapport tas-siġar li hemm fil-ġnien li l-Kunsill kien għadda lill-ERA.

Is-Sindku spjega li skond ir-rapport is-siġar tan-nofs bilfors kellhom jinqalgħu biex isir l-iskavar għall-underground parking. L-ERA kienu qegħdin joġġezzjonaw li s-siġar tan-nofs li huma protetti jinqalgħu. Apparti minn hekk, l-ERA ma kinux kunfidenti li s-siġar tal-ġnub ma jiġrilhomx ħsara fl-għeruq meta jsir l-iskavar. Is-Sindku qal li l-parir jew suġġeriment tagħhom kien li nippruvaw insibu metodi oħra fejn nistgħu nżidu l-parkeġġ permezz ta' tibdil fid-disinn tal-Ġnien stess, pero' baqgħu jsostnu li s-siġar tan-nofs ma jistgħux jiġu rilokati xi mkien ieħor għaliex imutu żgur. Is-Sindku qal li la ma kellniex l-approvazzjoni minn-naħa tal-ERA kien tal-opinjoni li l-Kunsill jabbanduna l-pjanijiet li jagħmel parkeġġ taħt il-ġnien Dun Karm Vella u li l-pass li jmiss kien li nistennew minn naħa ta' *Projects Green* forsi nkunu nistgħu nżidu xi parkeġġi permezz ta' tibdil fid-disinn tal-pjanta tal-ġnien. Il-Kunsill qabel.

2.2.2 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 17 ta' Frar ir-Reġjun Punent kien organizza laqgħa mas-CEO ta' Transport Malta. Huwa qal li l-problemi li kien ressaq kienu rigward Triq Carmelo Caruana u spjega l-kriterji li japplikaw taħt toroq arterjali/distributorji. Is-Sindku spjega li Triq Carmelo Caruana dejjem kienet triq arterjali pero' bħalissa lanqas biss konna nafu min hu l-*owner* tagħha u li aħna bħala Kunsill ma stajniex nagħmlu l-*maintenance* ta' din it-triq u għalhekk saħaq mas-CEO ta' TM sabiex din it-triq tingħata priorita' u tiġi inkluża fil-lista ta' toroq arterjali/distributorji. Is-Sindku qal li waqt l-istess laqgħa kien iddiskuta ukoll Triq il-Kuċċard u Triq San Ġwann fejn talab lil TM sabiex iwettqu road safety audit tal-junction ta' dawn iż-żewġ toroq sabiex jiġu implimentati traffic calming measures minħabba l-periklu li jeżisti f'dawn it-toroq.

2.2.3 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2025, flimkien mas-Segretarja Eżekuttiv kien attenda laqgħa ma' *Infrastructure Malta* fuq il-Proġett tal-Pjazza. Huwa spjega li l-Kunsill

kien iltaqa’ mal-Perit li ser tkun qed tieħu ħsieb il-proġett. Is-Sindku qal li IM kienu talbuna biex nimmarkaw it-toqob tal-bandalori u l-armar kollu tal-festa bil-ħxuna biex jittieħdu l-marki tagħhom waqt survey li ser isir iktar ‘il quddiem. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Kurt Debono sabiex jieħu ħsieb jimmarka dawn it-toqob inkluż tal-pjanċier.

Fuq nota oħra qal li l-Każin tal-Banda San Pawl kienu talbu biex issir laqgħa mal-Kunsill. Huwa qal li l-ideal niltaqgħu flimkien mal-Każin, il-Periti u l-Kappillan sabiex issir diskussjoni fuq il-proġett tal-pjazza, imbagħad wara nkunu nistgħu nagħmlu laqgħa informattiva mal-pubbliku. Il-Kunsill iddiskuta ukoll xi punti mill-proġett u l-possibilita’ li jitmexxew iż-żewġ *bus stops* li hemm fil-pjazza.

2.2.4 Is-Sindku qal li kienet ħarġet skema mill-*Arts Council* biex ikunu ta’ għajnuna għall-każini tal-Festa. Huwa spjega li l-Każini setgħu jibbenfikaw fondi minħabba l-banda, in-nar kif ukoll l-armar għall-festa.

2.2.5 Is-sindku qal li xtaq ifakkar lill-Kunsillieri li l-Ġimgħa ta’ wara l-laqgħa kien hemm ix-*short play* fis-Sala tal-Kunsill fis-6:15 organizzata mir-Reġjun. Is-Sindku qal lil Kunsilliera jipruvaw iħajjru aktar nies biex jattendu.

2.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba għal’ *unloading bay’* fi Triq is-Summien minn persuna li jkollu jgħabbi u jħott l-apparat tal-fotografija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma jsibx oġġezzjoni li jingħata l-*unloading bay*.

2.2.7 Is-Sindku qal li fuq l-iskema tal-bankini mill-*Public Works* skond il-*framework agreement* sa issa l-kunsill kien applika li jsiru dawn il-bankini.

- Triq tal-Ajżar c/w Triq San Gorg
- Triq Dun Gużepp Caruana (man-naħa tal-iskola)
- Triq il-Ħajt Ruman
- Triq il-Biedja
- l-isfel mill-Ġnien Alexander Ball

Is-Sindku kompla li peress li kien għad baqa’ iktar fondi mill-fond allokat għall-Kunsill tagħna, flimkien mal-contracts manager kienu daru mar-raħal biex jidentifikaw xi bankini oħra. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru:

- Triq San Tumas ħdejn il-Mużew tas-Subien
- Biċċa żgħira minn Triq Salvu Cauchi
- Trejqet Tarsu mill-Berġa l-antika ‘l hemm
- Triq Ta’Amparell

- Triq Piju Zammit
- Triq il-Ħarruba

Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru dawn il-bankini u wara naraw x'kien fadal fondi sabiex inkunu nistgħu nidentifikaw aktar bankini.

2.2.8 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet rigward iż-żabra tas-siġar li kien hemm skedata. Is-Sindku ta d-dettalji tas-siġar li kienu ġew identifikati biex jinżabru.

Il-Kunsillier Kurt Debono qal li meta jsir ż-żbir taż-żebbuġa li hemm fil-pjazza ma terġax tinżabar kif kien sar id-darba l-oħra. Is-Sindku spjega li l-mod li kien sar iż-żbir taż-żebbuġa kien sar fuq parir ta' arborista espert mill-ERA (filfatt kien preżenti waqt iż-żbir) u dan sar għaliex kien hemm il-biża li z-zokk jinqasam u jċedi bit-toqol tal-friegħi. Is-Sindku kompla jispjega li issa anke z-zokk l-ieħor kien ġralu l-istess u li l-Kunsill kien reġa' talab il-parir tal-ERA biex jiġu fuq il-post u jtuna parir x'għandu jsir minħabba l-periklu. Is-Sindku wera r-ritratti taz-zokk bil-ħsara li kien hemm fih.

2.2.9 Is-Sindku qal li l-kittieb Jonathan Balzan kien għadu kif ippubblika ktieb ta' poeżiji u kien qed jistaqsi jekk il-Kunsill xtaqx jixtri xi kopji għal librerija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nordnaw żewġ kopji għal librerija.

2.2.10 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex teħel tabella oħra '*cats crossing*' fi Triq Mikelang Busuttil. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal issa din it-talba nħalluha pendenti sabiex naraw in-neċessita' tagħha.

**2.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

2.3.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li l-Bozza ħdejn il-Mitħna li tagħti għat-triq ma kinitx qed tixgħel filwaqt li l-*inspection box* ta' quddiem il-pompa tal-Petrol kif kienu qed jgħaddu l-karozzi minn fuqha kienet qed tagħmel ħafna ħsejjes.

2.3.2. Il-Kunsilliera s-Sinj. Joanna Abdilla qalet li l-Ħadd 24 ta' Frar fil-pjazza kien hawn il-*Blood Donation Unit* u li kollox kien mar sewwa. Hija qalet li xtaqet tirringrazzja lil min kien hemm duty l-għassa taż-Żurrieq għaliex ma kienx hemm telf ta' ħin biex neħħew il-karozzi pparkjati.

2.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinj Joanna Abdilla qalet li kien hemm il-ħtieġa li tinħarat Triq Carmelo Caruana (fejn ix-xatba tas-suldati). Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien għadda l-lista lil *Projects Green.*

## 2.5 Jum Ħal Safi

Is-Sindku qal li din is-sena Jum Ħal Safi ser jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 27 ta' April, 2025

### 2.5.1 Premju Onorifiċenza

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-flyer li kienet ser titqassam bieb bieb biex jingħata l-Premju Onorifiċenza.

Il-Kunsill iddiskuta s-Serata tas-Sibt 26 ta' April, fejn ser jingħata l-Premju għal Ġieħ Ħal Safi. Il-Kunsill qabel li l-bord tal-Premju Onorifiċenza jkun kompost kif ġej:

Il-Membri tal-Bord għal Premju:

| | |
|---|---|
| Tarcisio Barbara bħala Chairperson | Alfred Curmi |
| Publio Abdilla | William Grech |
| Paul Callus | Jimmy Busuttil |
| Eddie Bonello | Gillian Bonello |
| Angela Zammit | Pauline Zammit |
| | Marvic Sciberras |

Il-Kunsill qabel ukoll li bħala *compere* tkun il-Kunsilliera Claire Zammit.

Il-Kunsill qabel ukoll li nistiednu lill-*Novum Ensamble* idoqq waqt is-serata u jinqraw xi poeżiji minn Jonathan Balzan, William Grech u mill-Grupp Vers Agħtini. Kien hemm suġġeriment ukoll li l-Kunsill seta' jistieden l-kantanti li hawn mir-raħal bil-ħsieb li jagħlqu s-serata b'kanzunetta waħda flimkien. Il-Kunsiliera Claire Zammit ser tkun qed tiġbor lista ta' kantanti imbagħad naraw kif u jekk nistgħux namalgamaw il-kantanti fl-għeluq tas-serata.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla ssuġġeriet li nistiednu lill-pittur Ivan Grixti fejn naraw jekk iridx jerġa' jagħmel esebizzjoni.

Il-Kunsilliera Claire Zammit ipproponiet li ninvolvu l-Kunsill tat-tfal biex jieħdu sehem fis-serata mużikali fejn ikunu jistgħu jippreżentaw il-Logo l-ġdid tagħhom.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li s-Sur Carmelo Busuttil kien ilu żmien jitlobha sabiex tigi organizzata mixja fejn jiġu mfakkar x'kien isir fl-imgħoddi. Il-Kunsilliera ssuġġeriet li ssir mixja abbinata ma Jum Hal Safi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din il-mixja tkun organizzata għall-Ħadd 4 ta' Mejju 2025, tibda fl-10.00am u jsir poster bħala għarfien għall-pubbliku.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li kienet irċiviet talba biex persuna tagħmel għoxrin siegħa volontarjat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet din il-persuna tikkomunika magħha.

**2.6 Cirkulari Numru SPI/SCI/02/2025 - Skema kulturali Annwali 2025/20206**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Iskema SPI/SCI/05/2024 lill-Kunsillieri. Is-Sindku qal li wara s-suċċess li kellu l-Kunsill f'Festa Familja s-sena l-oħra, ikun xieraq li l-Kunsill jerġa' japplika biex nerġgħu norganizzaw Festa Familja din is-sena ukoll. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din l-inizjattiva l-Kunsill japplika sabiex f'Novembru nerġgħu norganizzaw l-attivita' kulturali Festa Familja.

**2.7 Cirkulari Numru SPI/SCI/03/2026 Lokalitajiet aktar nodfa**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Iskema SPI/SCI/03/2026 Lokalitajiet aktar nodfa lill-Kunsilliera. Is-Sindku qal li għal din l-iskema l-Kunsill dejjem kien qed japplika biex jitnaddaf ir-rural u li s-sena l-oħra l-Kunsill kien applika flimkien ma' Reġjun Punent. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna napplikaw biex jitnaddaf ir-rural u li nerġgħu napp likaw flimkien mar-Reġjun.

Is-Sindku ressaq linja ta' gwida li għandhom jingħataw lil min jikri s-sala. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha tiġi rranġata l-parti ta' minn jikri s-sala.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qabel jgħaddu għall-item li jmiss kellha xi kwotazzjonijiet li xtaqet tressaqhom għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond il-*collective agreement* l-iskrivana part-time kellha titla' skala wara erba' snin ta' ħidma. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li titla minn skala 15 għal dik ta' skala 14.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni ta' €1128 biex isiru xkaffar ġodda għal-librerija. Hija qalet li din il-kwotazzjoni kienet għal materjal tal-ixkaffar għaliex il-*Malta Libraries* kellhom il-ħaddiema tagħhom u għalhekk il-kwotazzjoni kienet biss għall-materjal li hemm bżonn għal 16 il-unit. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni ta' €800 sabiex isir manutenzjoni fil-bieb ta' barra ta' Ġnien Alexander Ball, parti mill-kannizzata u l-gate ta' wara. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-kwotazzjoni.

**2.8 Korrispondenza**

Saret diskussjoni fuq xi items mill-korrispondenza

**2.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**1.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.29pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu, 2025 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |